# *Katina Karmelitana*

**Nru. 11** **Terzjarji Karmelitani Żurrieq** **Mejju-Awissu 2010**


## Marija Omm il-Karmelu turina t-triq tas-sewwa fil-Mulej

"Għix kif jixraq lill-iben tajjeb, u għad titgħallem biż-żmien li hija hi l-Omm sabiħa tal-imħabba u t-tama qaddisa. Minn għandha tirċievi l-grazzja tat-triq u ta' kull verita', fiha tilma' kull tama ta' ħajja u qawwa: hija mhux biss li qatt ma tieqaf taqlagħlek il-grazzji meħtieġa biex tasal sa l-aħħar fil-qdusija vera, imma tkun għalik għajn ta' ilma ħaj" (Ven. Mikiel ta' Santu Wistin ).

Nixtieq nibdà dan il-messaġġ bil-kliem tal-Venerabbli Mikiel ta' Santu Wistin ħalli nifmu sewwa xi tfisser timxi wara Marija Omm il-Karmelitani.

Matul l-istorja umana, il-bniedem dejjem fittex u jfittex fuq x'hiex u lejn x'hiex jibni l-eżistenza tiegħu. F'ħajtu l-bniedem kellu u għandu bżonn il-valuri u l-prinċipji biex żgur ikun jista' jtejjeb l-eżistenza tiegħu. Għaldaqstant biex jasal għal dan kollu, il-bniedem jeħtieġ ikollu lejn min iħares u min jixbaħ bħala direzzjoni, għaliex żgur waħdu qatt ma jasal għal ħajja sħiħa.



Għan-nisrani dan it-tfittix għal ħajja sħiħa, jista' jsibu biss fis-sewwa li huwa Ġesù Kristu. S.Pawl fl-Ittra tiegħu lil Galatin jgħid: "Ngħix, imma mhux jiena, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-iben ta' Alla, li ħabbni u ta ruħu għalija" (Gal 2, 20). S. Pawl jgħallimna li l-ħajja fi Kristu trid tkun id-direzzjoni kif il-bniedem għandu jibni ħajtu. Il-bniedem ma jistax jinqata' minn Ġesù, għax Ġesù stess qalilna li Hu it-triq, il-ħajja, id-dawl u l-ħelsien għal dawk ta' rieda tajba.

Fl-istorja tal-Karmelu, naraw li l-kelma ta' Alla hija l-ħobż u l-ħajja ta' kuljum u dan billi jħares lejn Marija bħala "Omm", "Oħt" u "Ħarsien". Il-karmelitani





għażlu li jissejħu "L-Aħwa ta' l-Imqaddsa Verġni Marija ta' l-Għolja tal-Karmelu", għaliex Marija hija dik l-Omm u l-Oħt li tħares l-ulied tà binha Ġesù Kristu. Il-karmelitani raw f'Marija l-iktar xbieha perfetta għal dawk li jridu jimxu wara Ġesù Kristu. Marija hija l-Omm li laqgħet il-kelma ta' Alla u għamlitha ċ-ċentru ta' ħajjitha. Waħda mill-għanijiet tal-karmelitani hija "nimxu wara Ġesù Kristu bħala aħwa ta' l-Imqaddsa Verġni Marija"

Marija u l-Karmelu - il-Karmelu u Marija, huma żewġ realtajiet li jridu jwasslu lilna lkoll lejn is-sewwa f' Ġesù Kristu.

Aħna mistiedna u mħeġġa ndawru ħaristna lejn Marija biex fuq l-eżempju tagħha ta' Omm u Oħt fil-Karmelu nimxu fis-sewwa u fit-tagħrif sħiħ tal-Iben ta' Alla, Sidna Ġesù Kristu.

**P. Michael Farrugia O.Carm. J.C.D.**
**Provinċjal**

## Messaġġ mis-Segretarja

Għeżież Terzjarji u Devoti tal-Madonna tal-Karmnu,

Ix-xhur li ġejjin huma żmien importanti ħafna għalina t-Terzjarji għax nibdew nippreparaw għall-festa kbira u devota tal-Madonna tal-Karmnu li din is-sena ser tiġi ċċelebrata nhar il-Ħadd 25 ta' Lulju.

Nieħdu gost li ħafna terzjarji qegħdin jieħdu sehem fl-Erbgħat ta' l-Udjenza. Nistedinkom biex tattendu għall-attivitajiet li ser isiru f'dawn ix-xhur u biex tilbsu l-Labtu l-Kbir tal-Madonna tal-Karmnu.

Il-vestizzjoni u l-professjoni se jsiru l-Erbgħa 7 ta' Lulju. Dawk li jixtiequ jidħlu fit-Terz'Ordni bħala Terzjarji huma mitluba jagħtuni isimhom.

Il-Madonna tberikna
**Carmen Farrugia**

## Programm għax-xhur Mejju-Awissu

### Irtir

**It-Tlieta 11 ta' Mejju 2010**

Nofs ta' nhar irtir f'Porzjunkola House, Baħar iċ-Ċagħaq flimkien mat-Terzjarji ta' Santa Venera. Il-Private titlaq minn ħdejn il-venda fid-8:45am. Prezz €8 li jinkludi trasport, kafe jew te u sandwiches.

### Laqgħa Marjana

**L-Erbgħa 2 ta' Ġunju 2010**

Laqgħa Marjana fil-Knisja ta' Santa Marija Bubaqra. Niltaqgħu fis-6:30pm ħdejn l-istatwa ta' Santa Marija. Ikun hemm pellegrinaġġ fejn jingħad ir-Rużarju u wara Quddiesa.

### Laqgħa Marjana

**It-Tlieta 22 ta' Ġunju 2010**

Laqgħa Marjana fil-Knisja tal-Fgura ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu. Il-private titlaq fis-6:30pm. Ikun hemm Rużarju u wara Quddiesa.

### Adorazzjoni

**Il-Ġimgħa 2 ta' Lulju 2010**

Adorazzjoni fil-kappella ta' San Ġakbu fis-7:30pm.

### Vestizzjoni u Professjoni

**L-Erbgħa 7 ta' Lulju 2010**

Vestizzjoni u Professjoni fil-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq. Il-quddiesa tibda fis-6:30pm mid-direttur spiritwali Fr. Hermann Duncan O.Carm.





## Talba tal-Papa Ġwanni Pawlu II



Marija Omm Ġesu`
inti tinsab igglorifikata
fis-sema bir-ruħ u l-ġisem
xbieha u bidu tal-Knisja li
jkollha l-milja tagħha fil-ġejjieni,
la tieqafx hawn fid-dinja
milli tiddi bħala sinjal
ta' tama żgura u ta' faraġ
quddiem il-poplu ta' Alla
li jinsab f'mixjietu lejn is-Sema
sakemm jasal jum it-tieni miġja
tal-Mulej.